MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 92/1998/1

Kawza fil-lista: 29

**Emanuel Camilleri**
**Vs**
**Judas Taddeo Kenely**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi waqt li l-attur kien miexi fi Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq nhar it-30 ta' Awissu, 1996, fil-11.30pm gie involut f'incident "hit and run", meta ttajjar minn karozza misjuqa mill-konvenut, cioe' Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni X-6137, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Peress illi in konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti f’dizabilita’ permanenti fuq persuntu, li wasslu ghat-tmiem ta’ l-impjieg tieghu. (Doks. A-E).

Jghid il-konvenut ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident li sehh bejn il-kontendenti fit-30 ta’ Awissu 1996 fi Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq fil-11.30pm meta l-attur intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta’ dan l-incident.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarrazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;
Rat li l-konvenut debitament ingunt baqa’ kontumaci;
Rat r-relazzjoni tal-perit mediku l-Kirurgu Frederick Zammit Maempel minnu debitament mahluf;
Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali l-Kirurgi Professur Carmel Apap Bologna, Mr.Charles Grixti u Mr.Anthony Bernard;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjoni tal-attur;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta nkontestat li fit-30 ta’ Awissu 1996 ghal habta tal-11.30 pm waqt li l-attur kien miexi fi Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq huwa safa’ milqut minn wara minn vettura Peugeot numru X-6137 misjuqa mill-konvenut. Ghal dan l-incident ghandu jirrispondi l-konvenut, stante li mill-provi inkontestati, jirizulta li dan

sehh tort tieghu ghax ma kienx qed izomm a proper look out waqt li  kien qed isuq il-vettura tieghu.

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qed isostni li huwa sofra dizabilita' permanenti fuq il-persuna tieghu li konsegwenza taghha kellu jghaddi Bord mediku u gie terminat l-impjieg tieghu ma Mekanika Construction fejn kien jahdem bhala electrician u plumber. Ghaldaqstant qed jippretendi risarciment ta' danni.

Illi ghandu jigi osservat li sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu jhetieg jipprova b' mod sodisfacenti, mhux biss li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, imma wkoll [1] li sofra danni; u [2] li dawn id-danni kienu konsegwenza, in toto jew in parte, tal-akkadut.  Fi kliem iehor jehtieg li jigi pprovat li d-dizabilita' allegata minnu, hija konsegwenza tal-incident.   Ghax il-konvenut danneggjant huwa tenut jirrispondi ghad-danni konsegwnzjali biss u fil-parametri tal-istess.

Illi l-espert mediku l-Kirurgu Frederick Zammit Maempel fir-rapport[1] tieghu spjega li huwa kien ghamel ezami kliniku tal-attur wara l-incident, u wkoll ezamina n-noti u l-x rays tieghu li kienu jinstabu fl-isptar San Luqa.  Mill-case history tal-attur rrizulta li dana kien sofra tlett incidenti qabel dak in disamina.  Fil-fatt irrizultalu li l-attur kien gie ezaminat f' Marzu 1983 ghall-ilment ta' ugiegh f' dahru wara li kien refa' xi oggett tqil fuq ix-xoghol.  Rega' gie ezaminat f' Mejju 1985 wara incident stradali,  minn fejn rrizulta li r-rukkell L5 kien diga zelaq fuq dak ta' tahtu S1 fis-sena 1983;  u kien rega' gie ezaminat wara incident iehor li kellu fl-20 ta' Marzu 1996 meta kien waqa' fuq ix-xoghol u wegga' dahru u l-ugiegh kien jinzel maz-zewg riglejkn sa l-ghakiesi.    Dan premess, l-espert mediku ikkonkluda li huwa minnu li l-attur "ghandu kondizzjoni kronika f' dahru li minhabba fiha m' ghandux jerfgha jew jintlewa, u li din tikkostitwixxi dizabilita' permanenti" izda jkompli jghid "jiena ma sibt ebda xhieda li din il-kundizzjoni zdiedet jew deterjorat bhala rizultat tal-incident tat-30 ta' Awissu 1996 [dak in disamina]".  Ghaldaqstant ikkonkluda

[1] Fol.65 et seq.

li l-attur ma garrab ebda dizabilita' permanenti bhala rizultat ta' dan l-incident.

Illi din l-istess konkluzjoni giet konfermata mill-periti perizjuri fir-relazzjoni[2] taghhom fejn kkonkludew hekk: "Ahna nhossu li dak li gara fit-30 ta' Awissu 1996 mhuwiex il-kagun tal-kundizzjoni tieghu prezenti, u ghalhekk dan l-incident ma kkawa ebda dizabilita' permanenti."

Illi, nonostante dawn il-konkluzjonijiet konsistenti tal-esperti medici, l-attur xorta wahda baqa' jinsisti fuq it-tesi tieghu li, rizultat tal-incident huwa kien sofra dizabilita' permanenti, u, sussegwentement ghal prezentata tar-rapporti medici, u in sostenn tat-tesi tieghu, huwa ressaq zewg tobba, general practioners, li kienu ezaminawh f' okkazzjonijiet precedenti.

Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi ma tara ebda raguni valida l-ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni tal-erba esperti medici, specjalisti fil-qasam taghhom, nominati minnha proprju biex jassistuha f' dan l-aspett tekniku tal-kawza.

F' dan ir-rigward l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizzio dell'arte kif espress mill-Perit Tekniku m'ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m' ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b' mod legger jew kappricciuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" [App.C.Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima vs Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998].

---

[2] Fol.80 et seq.

Fil-kaz odjern ma jezistux ragunijiet la validi u, wisq anqas, serji li ghandhom iwasslu lil Qorti sabiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-periti medici. Ghaldaqstant din il-parti tal-talbiet attrici, in kwantu tirrigwarda pretensjoni ghad-danni rapprezentanti lucrum cessans, mhijiex gustifikata u m' ghandhiex tigi milqugha, stante li dak allegat mill-attur fit-tieni premessa tac-citazzjoni tieghu ma jirrizultax provat.

Illi rigward id-damnum emergens, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fix-xhieda tieghu l-attur jsostni li minn dak in-nhar tal-incident huwa ma kienx f' posizzjoni li jerga' jirritorna lura ghax-xoghol, mill-provi migjuba ma giex provat b' mod sodisfacenti li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kien dovut ghad-daqqa li qala' fl-incident de quo. In propositu huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi c-certifikat mill-casualty department jndika li bid-daqqa, l-attur esternament sofra griehi deskritti bhala "slight save complications."[3]

[2] Illi l-konkluzjonijiet tal-esperti medici jdghajjfu serjament l-allegazzjoni tal-attur li dan ma marx ghax-xoghol minhabba l-griehi li sofra f' dan l-incident.

[3] Illi ma gie prezentat ebda dokument li juri r-ragunijiet medici li fuqhom il-Bord mediku bbaza l-konkluzzjonijiet tieghu. Lanqas del resto ma gie prezentat ir-rapport ta' dan il-Bord li juri x' kienu dawn il-konkluzzjonijiet.

[4] Illi inoltre ma rrizultax pruvat li, meta l-attur intlaqat bil-vettura tal-konvenut, huwa qala' daqqa kbira. Jirrizulta mill-okkorrenza, li l-attur fir-rapport tieghu lill-pulizija dak in-nhar stess tal-incident irrapporta li x-xufier tal-vettura, il-konvenut odjern, qallu "sorry mhux naqra bil-mera [ntlaqat]" u telaq; u fid-deposizzjoni tieghu, Ps 739 Michael Borg qal li meta huwa kkuntattja lill-konvenut bit-telefon dana qallu li huwa kien qed isuq bil-mod hafna u f' hin minnhom ntlaqat mill-mera tal-genb l-attur "li lanqas il-

[3] Fol.5

mera ma daret waqt l-incident."[4] Dwar l-incident ut sic u d-dinamika tieghu l-provi huma skarsi ghall-ahhar.

Il-premess idghajjef serjament it-tesi tal-attur li dana sofra daqqa li konsegwenza taghha huwa gie impedut milli jirritorna lura ghax-xoghol. Ghaldaqstant anki din il-parti tat-talbiet attrici ma tirrizultax sostnuta minn provi sodisfacenti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni; izda tichad it-tieni u t-tielet talba. L-ispejjez tal-ewwel talba jkunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li l-kumplament jbqghu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Fols. 31, 32, 36 *et seq.*